MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 1207/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**Darren Psaila**

**Kumpilazzjoni Nru: 1207/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Darren Psaila ta' 35 sena, bin il-mejjet Alfred u Josephine nee' Lia, imwieled Pieta' fid-19 ta' Frar, 1976 u residenti fil-fond numru 60, Sqaq l-Ajri, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 171376(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar il-31 t'Ottubru, 2011 ghall-habta ta' 19:00hrs gewwa Triq is-Santwarju, Zabbar dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Edgar Apap f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Edgar Apap, hekk kif gie ccertifikat mit-tobba tal-Poliklinika ta' Rahal Gdid;

3. U aktar talli nhar it-08 t'Awwissu, 2011 ghall-habta ta' nofs in nhar, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura tat-tip Alfa Romeo bin-numru tar-registrazzjoni XXX033, liema hsara li tiskorri elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro li saret ghad-dannu ta' Edgar Apap u/jew persuna/i ohra.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza cioe' Edgar Apap jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna offiza ai termini tal-artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba illi f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu ma' l-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:
- 41(1)(a), 214, 215 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- 214 u 216(1)(a)(ii)(iii)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 17, 23, 31 u 533 tal-Kaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali hlif ghal l-imputazzjoni elenkata fil-paragrafu (a) ta' l-imsemmija nota u cioe dik dwar attentat ta' ferita gravissima.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tac-citazzjoni kienet attentat ta' omicidju. Fin-nota ta' rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali din l-imputazzjoni giet ridotta ghal wahda ta' attentat ta' offiza gravissima. Din qed tigi kontestata mill-imputat li min-naha l-ohra qed jammetti t-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ikkunisdrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz, partikolarment dawk li jincidu fuq l-ewwel imputazzjoni, ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi jibda biex jinghad li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh fi sfond ta' tilwiem u incidenti frekwenti bejn l-imputat u l-parte leza Edgar Apap; fil-fatt jidher li z-zewg persuni koncernati kien jaghmlu hemm hafna rapporti reciproci. Wiehed minn dawn l-incidenti sehh fit-8

ta' Awissu 2011 meta, wara xi sensiela ta' tghajjir reciproku l-imputat irritalja billi kisser il-hgiega tal-karozza ta' Apap u anke taha daqqiet bis-sieq.

Illi dwar l-incident li sehh fil-31 ta' Ottubru 2011 l-unici xhieda dwar dak li gara huma huma l-parte leza u l-imputat; kien hemm persuni ohra li xehdu pero dawn (fil-maggoranza pulizija) ma rawx l-incident isehh u qalu biss dak li gie rakkontat lilhom mill-imputat jew mill-parte leza.

Illi Edgar Apap jirrakkonta li huwa kien qieghed is-Social Club f'Haz-Zabbar, fejn kien ikun regolarment, u 'xhin hareg u beda miexi 'l hemm sema' bhal passi ta' xi hadd gej jigri warajh; dar u ra lill-imputat b'idu mghollija u biha kien qed izomm oggett twil li kien fih madwar pied u nofs. Apap innota ukoll li dan l-oggett kien miksi b'xi haga kannella, qisha wrapper. Meta ra hekk Apap gholla idejh u irnexxielu jilqa d-daqqa b'idejh; gara pero li meta Apap laqa' dan l-oggett b'idejh huwa soffra lacerazzjoni li kienet tirrikjedi zewg punti.

Illi Apap ikompli jirrakkonta li malli laqa' d-daqqa l-imputat telaq u beda jghidlu li kieku ma kienx hemm tfal fit-triq kien ikompli jghatih u qallu ukoll biex imur l-ghassa jaghmel rapport. Apap fil-fatt mar l-ghassa jaghmel rapport. Ghandu jigi rilevat li l-oggett li bih l-imputat prova jaghti daqqa lil Apap baqa' f'idejh.

Illi certu Martin Debono li jigestixxi s-Social Club jikkonferma li Apap kien qieghed il-kazin; qal li ftit wara li hareg Apap sema l-ghajjat, hareg hu ukoll u ra lil Apap b'idu mimlija demm; lill-imputat rah ftit 'l boghod minn Apap jghajjar u joffendih (lil Apap).

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija; fiha huwa irrakkonta dak li skond hu kien sehh. L-imputat jghid li huwa kien qieghed fil-venda li hemm hdejn is-Social Club bil-kelb u innota lil Apap diehel u hiereg mill-kazin u jhares fid-direzzjoni tieghu u jagmillu xi mossi. L-imputat jispjega ukoll li hu mexa ftit f'l-istess akwati u gabar bicca kanna li kien hemm ma'l-art u li hu ghamel hekk ghax ma kienx jafdah

lil Apap u rid li jkollu xi haga b'xiex jiddefendi ruhu. Jghid ukoll li kellu "bicca stick" u ghatta l-kanna biha.

Illi l-imputat ikompli jirrakkonta li huwa mexa ftit 'l boghod mill-kazin u ftit wara ra lil Apap hiereg; meta hareg mill-kazin Apap ma rax lill-imputat fil-venda u qal "mela mhux hawn dak ic-chicken". Meta sema hekk l-imputat mar jigri fuq Apap u xejjer daqqa fil-parti ta' fuq ta' gisem Apap pero Apap dar u ma jafx fejn laqtu. Hekk kif Apap dar l-imputat ra zewgt itfal, waqaf, resaq lura, qal lil Apap biex ihallih bi kwietu u telaq 'l hemm. Il-kanna li kien gabar u biha ta daqqa lil Apap remiha vicin id-dar tieghu u eventwalment ikkonsenja lill-pulizija.

Illi huwa konfermat li ghalkemm il-lacerazzjoni sofferta minn Apap ma halliet l-ebda effett fuq il-funzjoni ta' idejh din il-lacerazzjoni pero halliet sinjal li jidher.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; cioe dik dwar offiza gravi fuq il-persuna ta' Apap f'l-incident tal-31 ta' Ottbru 2011 u dik dwar hsara volontarja ikkawzata fil-vettura ta' Apap f'l-incident li sehh fit-8 ta' Awissu 2011. Dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirrizultaw mhux biss fuq ammissjoni ta'l-imputat imma anke b'mod car mill-provi prodotti.

Illi l-imputat pero qed jikkontesta l-ewwel imputazzjoni permezz ta'liema qed jigi addebietat b'attentat ta' offiza gravissima fuq il-persuna ta' Edgar Apap.

Illi biex jissusti r-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li

*Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu*.[1]

---

[1] Ref Pulizija vs Emanuel Zammit Appell Kriminali deciz 30.03.1998.

Illi fil-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara lil Apap u li konsegwentement ghandu jirrispondi ghall-konsegwenzi diretti kollha ta' eghmilu; l-imputat fil-fatt ammetta t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu li tirrigwarda l-offiza li effettivament giet kawzata.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna. Fi kliem il-Professur Mamo:

*The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible*[2]*.*

Illi pero l-Professur Mamo jkompli hekk:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*[3]*.*

Illi referenza ghal dan id-diskordju taghmilha ukoll l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Repubblika vs Domenic Briffa[4]:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu*

[2] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 226.
[3] Ref op cit pagna 227.
[4] Deciza fis-16.10.2003.

*Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew*

*tentattiv ta' offiza gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l- intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il- konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz***[5]*. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl- ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit- tieni lok.*

Illi permezz ta'l-ewwel paragrafu tan-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebietat b'tentattiv ta'offiza gravissima kif deskritta fis-subartikoli 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe offiza li:

*(a) tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh; jew*
*(b) iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil- ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;*

Illi ghalhekk, u tenut kont ta' dak li tipprovdi d-dottrina u l-gurisprudenza dwar r-reat in ezami dak li jrid jigi pruvat fil-kaz odjern huwa li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkawza debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f'parti ta'l-ghamla tal-gisem jew mard permanenti tal-mohh, jew li jgib sfegju, gravi u permanenti f'wicc, f'ghonq jew f'idejn Apap.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta nkontestat li l-imputat gie minn wara Apap u gholla l-kanna li kellu f'idu biex biha jaghtih daqqa fuq il-parti ta' fuq ta' gismu, minn-naha ta' wara. Kien biss ghax Apap dar (meta nduna li kien gej xi hadd minn warajh) u hu stess gholla idejh biex jilqa' d-daqqa li Apap intlaqghat f'idejh. In oltre jirrizulta

---

[55] Sottolinear ta' din il-Qorti.

nkontestat ukoll li ghalkemm il-kanna baqghat f'idejn l-imputat wara li Apap laqa' dik l-ewwel daqqa u wegga' idejh, l-imputat ma tax daqqiet ohrajn ghalkemm kellu kull opportunita jaghmel hekk.

Illi kif diga ntqal m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju f'dan il-kaz li l-imputat rid iwegga' lil Apap; pero, tenut kont ta' kif svolga l-incident, tenut kont ta' dak li jghallmu l-gurisprudenza u d-dottrina in tema, u tenut kont tal-fatt li in dubbio pro reo, fil-fehma tal-Qorti ma jistax jinghad li gie pruvat 'l hemm minn dubbju ragonevoli li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li b'eghmilu jaghmel il-hsara (l-offiza gravissima) deskritta fil-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 218.

Illi konsegwentement l-imputat ma jistax jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu kif ridimensjonata ai termini tan-nota tar-rinviju ghal-gudizzju ta'l-Avukat Generali.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-isfond li fih sehh l-incident kif ukoll il-fatt li jidher li dan kien l-ahhar incident li nqala' bejn l-imputat u Apap, fatturi li wasslu lill-prosekuzzjoni taqbel mas-suggeriment tad-difiza li l-piena m'ghandhiex tkun wahda karcerja effettiva. In konkluzzjoni hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-parte leza hafer lill-imputat u iddikjara li m'ghandu l-ebda pretensjoni kontra tieghu tant li lanqas l-ispejjez tal-hsara fil-vettura ma jrid minghand l-imputat. Il-parte leza fil-fatt iddikjara li huwa ghad ghandu kuntatta mal-familja ta'l-imputat u anke "jilqatghu jihdu drink flimkien bhala hbieb".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b) u 335(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu

sospiezi ghal perjodu ta' sentejn (2). In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' sitt mija u erbghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€640.93) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------